MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Numru 40/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Gordon Dimech**

**Illum, 28 ta' Gunju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 40 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Gordon Dimech, li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Uniku Kap illi fil-ġimgħat qabel il-wieħed u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) kif ukoll dakinhar stess l-akkużat Gordon Dimech iddeċieda li jibda jittrasporta persuni, b'mod illegali, minn Malta lejn Sqallija. L-iskop ta' dan il-pjan altament riskjuz kien il-profitt kbir li jiġġenera dawn it-tip ta' operazzjonijiet.

Illi fl-istess żminijiet l-akkużat kien ġie avviċinat sabiex jagħti assistenza lil madwar tnax (12) il-immigrant illegali

ġewwa pajjiżna sabiex dawn ikunu jistgħu jaħarbu minn Malta lejn Sqallija illegalment. Huma filfatt kienu ftehmu mal-akkużat li volontarjament u xjentement u bl-assistenza ta' terża persuna li llum tinstab mejta, pprovdilhom dagħjsa speedboat bin-numru ta' reġistrazzjoni S4735 u bil-mutur Mariner 115 *horse power* kif ukoll xi affarijiet oħra utli għall-vjaġġ illegali tagħhom. L-akkużat kellu jitħallas elfejn u ħames mitt Lira Maltin (Lm2,500) illum ekwivalenti għal ħamest elef tmien mija tlieta u għoxrin Elf Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) għas-sehem tieghu f'dan l-att kriminali, liema flejjes inġabru minn fost il-persuni kollha li kienu ser jagħmlu t-traġitt illegali.

Illi effettivament l-akkużat ltaqa' ma' dawn il-persuni fejn tahom din id-dagħjsa u tħallas kif kien miftiehem. Mandankollu allavolja dan il-vjaġġ daħal fis-seħħ, waqt li kienu fi triqthom lejn Sqallija il-persuni abbord sabu ruħhom f'diffikulta' u d-dagħjsa li kienu akkwistaw mingħand l-akkużat bdiet tegħreq. Minħabba f'hekk it-tnax (12) il-persuna abbord beżgħu mill-konsegwenżi u ddeċidew jirritornaw lura fi xtutna fejn abbandunaw din id-dagħjsa fil-Belt Valletta filwaqt li huma ħarbu minn fuq il-post.

Illi b'għemilu l-imsemmi Gordon Dimech sar ħati talli, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens ma' xi persuna oħra; b'dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta' aktar minn tlieta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Gordon Dimech, ħati talli, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn

Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra, b’dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija ta’ mhux inqas minn sitt xhur u mhux iktar minn tnax il-sena jew multa ta’ tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 337A(1), 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih bi tmin (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Gordon Dimech hati skond l-Uniku Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Tiddikjara ghalhekk lil Gordon Dimech, hati talli fil-gimghat qabel il-21 ta’ Dicembru 2005 kif ukoll dakinhar stess bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f’dak is-sens ma’ xi persuna oħra, b’dan li l-persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura, kienu ta’ aktar minn tlieta.

.

Qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-abbli difensur Dr. S. Filletti, li jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset dak li qalet l-abbli prosekutrici Dr. L. Lanfranco illi jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni.

Ikkonsidrat mill-banda l-ohra l-gravita' ta' dan ir-reat fil-kontest li l-Gzejjer Maltin qed iservu bhala mezz ta' transitu mill-Afrika ta' Fuq ghall-pajjizi ohra fit-tramuntana ta' dawn il-Gzejjer, bil-perikoli kemm ghall-persuni traffikati nnifishom kif ukoll ghat-tessut socjali w ekonomiku w ghas-sigurta' nazzjonali ta' dawn il-Gzejjer u ghalhekk dawn il-Qrati ghandhom jiehdu veduta serja ta' reati simili fil-parametri tad-diskrezzjoni lilhom moghotija mill-legislatur, bil-ghan li jkun hemm deterrent ghall-prattici llegali simili.

Rat illi din mhux l-ewwel darba li l-hati kiser difrejh mal-ligi u dan il-fattur irid jitqies ukoll fl-ikkalibrar tal-piena.

Qieset ukoll sentenzi ta' Qrati ohra li jikkoncernaw l-istess tip ta' reat u partikolarment is-sentenza taghha fil-kawza **"The Republic of Malta vs Lin Yi"** [13/3/2006] u **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs Gamil Abu Bakr"** [02/07/2009].

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 337A(1), 23 u 31 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Gordon Dimech ghall-piena ta' seba` (7) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dan ir-reat.

Tordna wkoll il-konfiska tal- "speed boat" u mutur Mariner 115 esebiti formalment quddiem il-Qorti f'dan il-process favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------